**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 19 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 834/01 AJD*

Michele Peresso Limited

vs

Fiona Baldacchino

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm90.10) rappresentanti prezz ta' merci mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenuta, izda mhux imhallsa.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar, 2001, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Pierre Lofaro in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disghin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm90.10) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR